VERŻJONI ELETTRONIKA



*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,748, 10 ta' Mejju, 2011*
*Taqsima B*

**A.L. 179 tal-2001**

# ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
# (KAP. 327)

## Ir-Regolamenti tal-2011 biex jemendaw ir-Regolamenti għall-Grad ta' Doctor of Philosophy - Ph.D.

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat tal-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 75 u 79 ta' dak l-Att:

**It-Titolu**

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti tal-2011 biex jemendaw ir-Regolamenti għall-Grad ta' Doctor of Philosophy - Ph.D. - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti tal-2008 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy - Ph.D., ippubblikati bħala Avviż Legali 293 tal-2008, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "ir-regolamenti prinċipali".

**L-Applikabilità**

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw mit-18 ta' Frar 2011 'il quddiem.

**L-Emenda għar-regolament 28 tar-regolamenti prinċipali**

3. Il-paragrafu (3) li ġej għandu jidħol wara l-paragrafu (2) tar-regolament 28 tar-regolamenti prinċipali:

"(3) Is-Superviżur Prinċipali, il-ko-superviżur jew il-konsulent ma għandux ikun jiġi mill-istudent b'konsangwinità jew b'affinità sat-tielet grad inkluż jew ikollu xi forma ta' relazzjoni oħra mal-istudent."

**L-Emenda għar-regolament 29 tar-regolamenti prinċipali**

4. Is-sottoparagrafu (d) li ġej għandu jidħol wara s-sottoparagrafu (ċ) tal-paragrafu (1) tar-regolament 29 tar-regolamenti prinċipali:

"(d) jiżgura li l-istudenti jkunu infurmati dwar il-mod kif ir-riżultati tar-riċerka għandhom jiġu rrappurtati u li huma jifhmu l-implikazzjonijiet ta' plaġjariżmu u prattiċi akkademiċi mhux aċċettabbli oħra."

5. Il-paragrafi (3), (4) u (5) li ġejjin għandhom jidħlu wara l-paragrafu (2) tar-regolament 29 tar-regolamenti prinċipali:

"(3) Il-rwol ta' superviżjoni tas-Superviżuri Prinċipali, tal-ko-superviżuri u tal-konsulenti għandu jieqaf meta t-teżi tiġi sottomessa għall-eżami. Ir-rwol jista' jkompli, fuq il-parir tal-Bord tal-Eżaminaturi, sabiex jipprovdu gwida lill-istudenti li t-teżi tagħhom tkun ġiet riferuta lura lilhom għal korrezzjoni sinifikanti qabel ma tkun aċċettata bħala finali.

(4) Is-Superviżuri Prinċipali, il-ko-superviżuri u l-konsulenti mhumiex responsabbli għall-qari tal-provi tat-teżijiet. Lanqas ma hi r-responsabbiltà tagħhom li jiżguraw li t-teżijiet ma għandhomx partijiet plaġjarizzati.

(5) Jekk superviżur isib plaġjariżmu fl-abbozzi jew fil-verżjoni finali ta' teżi qabel is-sottomissjoni formali, is-Superviżur Prinċipali għandu juża d-diskrezzjoni tiegħu skont il-gravità tar-reat, dwar jekk għandux iwiddeb lill-istudent u jitlob li tittieħed azzjoni korrettiva jew jekk għandux jirrapporta l-każ lill-Bord tad-Dixxiplina tal-Valutazzjoni."

6. Il-paragrafu (3) tar-regolament 29 tar-regolamenti prinċipali għandu jkun innumerat mill-ġdid bħala l-paragrafu (6).

**L-Emenda għar-regolament 37 tar-regolamenti prinċipali**

7. Minflok il-paragrafu (ċ) tal-paragrafu (1) tar-regolament 37 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(ċ) Is-Superviżuri Prinċipali għandhom jikkonfermaw bil-miktub, fuq il-formola xierqa, li huma infurmati li l-istudent qed jissottometti t-teżi tiegħu / tagħha għall-eżami mill-Bord tal-Eżaminaturi."